Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 22 ta' Novembru 2019
(OR. en)**

**14383/19**

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0114(COD)**

**TRANS 545**

**RAPPORT**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | ST 14059/19 |
| Nru dok. Cion: | ST 9672/17 + ADD 1 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi<br>– Approċċ ġenerali |

## I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-1 ta' Ġunju 2017 bħala parti mill-Ewwel Pakkett dwar il-Mobilità.

2. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, il-finanzjament tal-infrastruttura tat-toroq u l-konġestjoni. Il-proposta timmodifika d-direttiva dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi tqal tal-merkanzija għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (Direttiva 1999/62/KE).

## II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

3. Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli minn din il-proposta u lis-Sa Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy (S&D, FR) bħala r-rapporteur għat-tmien mandat parlamentari.

4. Fil-25 ta' Ottubru 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

5. Is-Sur Giuseppe Ferrandino (SD, IT) inħatar bħala r-rapporteur għad-disa' mandat parlamentari.

6. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fil-529 sessjoni plenarja, fit-18 ta' Ottubru 2017. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fil-127 sessjoni plenarja, fl-1 ta' Frar 2018.

## III. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

7. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda l-ħidma tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2017 bi preżentazzjoni ġenerali tal-proposta. Fil-21 ta' Ġunju 2017 ġiet analizzata l-valutazzjoni tal-impatt.

8. Il-Kunsill (TTE, Trasport) kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta fil-5 ta' Diċembru 2017 (dok. 14426/17), u fis-6 ta' Ġunju 2019 ġie ppreżentat rapport ta' progress (dok. 9331/19).

## IV. KWISTJONIJIET PENDENTI

9. Il-Presidenza tqis li l-proposta hija strumentali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju mis-settur tat-trasport u l-proposta tista' tagħmel differenza konsiderevoli bħala miżura ta' appoġġ għall-Istati Membri sabiex inaqqsu l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport bit-triq. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 g-a l-ġdid huma kruċjali biex jinkiseb dan ir-riżultat, peress li jipprevedi għodda ġdida obbligatorja u għall-UE kollha għall-varjazzjoni ta' tariffi għall-infrastruttura u ħlasijiet fuq l-utenti għal vetturi tqal fuq il-bażi tal-emissjonijiet ta' $CO_2$. Il-flessibbiltà meħtieġa għall-Istati Membri hija inkorporata f'artikoli oħrajn, biex b'hekk tkun possibbli l-applikazzjoni tad-Direttiva bl-aktar mod effiċjenti, filwaqt li jiġi garantit il-livell meħtieġ ta' armonizzazzjoni tar-regoli.

10. Il-premessi ma ġewx analizzati sistematikament u din il-ħidma għandha ssir fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art ladarba jintlaħaq qbil dwar l-approċċ ġenerali.

## V. KONKLUŻJONI

11. Fl-20 ta' Novembru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti analizza t-test ta' kompromess u ddeċieda li jressqu, kif ippreżentat fl-anness għal dan ir-rapport, għal approċċ ġenerali fil-Kunsill TTE (Trasport) fit-2 ta' Diċembru 2019.

12. Il-Kunsill mistieden jaqbel dwar approċċ ġenerali. Barra minn hekk, il-Kunsill mistieden jitlob lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art biex jiffinalizza l-ħidma, billi jallinja l-premessi mhux inklużi fl-approċċ ġenerali, f'konformità mal-artikoli u l-annessi tat-test maqbul.

**ANNESS**

2017/0114 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

***[premessi mhux riprodotti]***

1 ĠU C , , p. .
2 ĠU C , , p. .

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 1999/62/KE hi emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir mill-[...]vetturi għall-użu tal-infrastrutturi tat-toroq";

(2) L-Artikoli 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva tapplika għal:

   (a) taxxi tal-vetturi għall-vetturi tqal tal-merkanzija,

   (b) ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti imposti fuq il-vetturi.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal vetturi [...] **użati** esklużivament fit-territorji mhux Ewropej tal-Istati Membri.

3. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal vetturi **tqal** irreġistrati fil-Gżejjer Kanarji, f'Ceuta u Melilla, fl-Azores jew f'Madeira u li jwettqu operazzjonijiet tat-trasport esklużivament f'dawk it-territorji jew bejn dawk it-territorji u, rispettivament, il-partijiet kontinentali ta' Spanja u tal-Portugall.

**4. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx il-paragrafu 5 tal-Artikolu 7c, il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 7g u l-Artikolu 7g-a għal ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti fuq infrastrutturi tat-toroq koperti minn kuntratti ta' konċessjoni, sal-mument li l-kuntratt jiġġedded jew jiġi emendat b'mod sostanzjali, u fejn**

**(a) il-kuntratt ġie ffirmat qabel [*ĠU: żid id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja*]; jew**

**(b) l-offerti jew tweġibiet għal stediniet għal negozjar skont il-proċedura negozjata ġew irċevuti wara proċess ta' akkwist pubbliku qabel [*ĠU: żid id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja*].**

**5. Il-paragrafu 4 japplika wkoll għal kuntratti ta' terminu twil, konklużi bejn entità pubblika u entità mhux pubblika, iffirmati qabel [*ĠU: żid id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja*] għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u/jew ġestjoni ta' servizzi għajr l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet li ma jinkludux it-trasferiment tar-riskju tad-domanda.**

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(1) "netwerk tat-toroq trans-Ewropew" tfisser l-infrastruttura tat-trasport bit-triq imsemmija fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] kif murija fil-mapep fl-Anness I ta' dak ir-Regolament;

(2) "spejjeż tal-kostruzzjoni" tfisser l-ispejjeż marbuta mal-bini, inkluż, fejn xieraq, l-ispejjeż tal-finanzjament ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) infrastruttura ġdida jew titjib tal-infrastruttura ġdida, inklużi tiswijiet strutturali sinifikanti;

---

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1)

(b) infrastruttura jew titjib tal-infrastruttura, inklużi tiswijiet strutturali sinifikanti, li tlestew sa mhux aktar tard minn 30 sena qabel l-10 ta' Ġunju 2008, fejn diġà kienu fis-seħħ arranġamenti għall-ħlas għall-użu tat-triq fl-10 ta' Ġunju 2008, jew li tlestew mhux aktar minn 30 sena qabel l-istabbiliment ta' kwalunkwe arranġament ġdid ta' ħlas għall-użu tat-triq introdott wara l-10 ta' Ġunju 2008;

(c) infrastruttura jew titjib tal-infrastruttura li tlestew **aktar minn 30 sena** qabel l-10 ta' Ġunju 2008 fejn:

(i) Stat Membru jkun stabbilixxa sistema ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq li tipprevedi l-irkupru ta' dawn l-ispejjeż permezz ta' kuntratt ma' operatur tas-sistema tal-ġbir ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq, jew atti legali oħra b'effett ekwivalenti, li daħlu fis-seħħ qabel l-10 ta' Ġunju 2008, jew

(ii) Stat Membru jista' juri li l-każ biex tinbena l-infrastruttura kkonċernata ddependa fuq il-fatt li din għandha ħajja tad-disinn ta' aktar minn 30 sena

(3) "spejjeż tal-finanzjament" tfisser kwalunkwe imgħax fuq is-self u r-redditu fuq kwalunkwe finanzjament tal-ekwità kontribwit minn azzjonisti;

(4) "tiswijiet strutturali sinifikanti" tfisser tiswijiet strutturali minbarra dawk it-tiswijiet li ma għandhom ebda benefiċċju kurrenti għall-utenti tat-toroq, b'mod partikolari f'każijiet fejn ix-xogħol ta' tiswija jkun ġie ssostitwit minn pavimentar mill-ġdid tat-toroq jew minn xogħol ieħor ta' kostruzzjoni;

(5) "awtostrada" tfisser triq iddisinjata u mibnija apposta għat-traffiku ta' vetturi bil-mutur, li ma twassalx għal proprjetajiet li jmissu magħha, u li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) hija pprovduta, għajr f'punti speċjali jew b'mod temporanju, b'karreġġati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, mifrudin minn xulxin jew bi strippa diviżorja mhux intenzjonata għat-traffiku jew, b'mod eċċezzjonali, b'mezzi oħra;

(b) ma taqsam, fl-istess livell, ebda triq, linja tal-ferrovija jew tat-tramm, passaġġ għar-roti jew passaġġ għall-mixi;

(c) hija ddeżinjata speċifikament bħala awtostrada;

(6) "ħlas għall-użu tat-triq" tfisser ammont speċifiku bbażat fuq id-distanza ta' vjaġġ fuq infrastruttura partikolari u fuq it-tip ta' vettura, li l-ħlas tiegħu jikkonferixxi d-dritt biex vettura tuża l-infrastrutturi, u li jinkludi **waħda jew aktar mit-tariffi li ġejjin**:

- tariffa għall-infrastruttura;
- tariffa għall-konġestjoni;
- tariffa għall-ispejjeż esterni;

(7) "tariffa għall-infrastruttura" tfisser tariffa imposta bl-iskop li jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-kostruzzjoni, tal-manutenzjoni, tat-tħaddim u tal-iżvilupp relatati mal-infrastruttura mġarrba fi Stat Membru;

(8) "tariffa għall-ispejjeż esterni" tfisser tariffa imposta bl-iskop li jiġu rkuprati l-ispejjeż [...] relatati mat-tniġġis tal-arja mit-traffiku**,** [...] tniġġis tal-istorbju mit-traffiku **u**/jew **emissjonijiet ta' $CO_2$ mit-traffiku** [...] ;

**(8a)** "spiża tat-tniġġis tal-arja mit-traffiku" tfisser l-ispiża tal-ħsara kkawżata mir-rilaxx ta' materjal partikulat u ta' prekursuri tal-ożonu, bħall-ossidu tan-nitroġenu u komposti organiċi volatili, matul it-tħaddim ta' vettura;

**(8b)** "spiża tat-tniġġis tal-istorbju mit-traffiku" tfisser l-ispiża tal-ħsara kkawżata mill-istorbju ġġenerat mill-vetturi jew mill-interazzjoni tagħhom mal-wiċċ tat-toroq;

**(8c) "spiża tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mit-traffiku" tfisser l-ispiża tal-ħsara kkawżata mir-rilaxx ta' diossidu tal-karbonju matul it-tħaddim ta' vettura;**

(9) "konġestjoni" tfisser sitwazzjoni fejn il-volumi tat-traffiku joqorbu lejn jew jeċċedu l-kapaċità li jifilħu t-toroq;

(10) "tariffa tal-konġestjoni" tfisser tariffa imposta fuq il-vetturi bl-iskop li jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-konġestjoni mġarrba fi Stat Membru [...];

(11) […]

(12) […]

(13) "tariffa medja ponderata għall-infrastruttura" tfisser id-dħul totali ta' tariffa għall-infrastruttura fuq perijodu ta' żmien speċifiku diviż bl-għadd ta' kilometri vvjaġġati minn vetturi tqal fuq is-sezzjonijiet tat-toroq soġġetti għat-tariffa matul dak il-perijodu;

(14) "ħlas fuq l-utenti" tfisser ħlas ta' ammont speċifikat li jagħti d-dritt biex vettura tuża għal perijodu speċifiku l-infrastrutturi msemmija fl-Artikolu 7(1) u (2);

(15) "vettura" tfisser [...] **vettura bil-mutur, jew kombinazzjoni artikolata ta' vetturi maħsuba jew użati biex iġorru fit-triq passiġġieri jew prodotti**;

(16) "vettura tqila" tfisser [...] **vettura bil-mutur li għandha massa massima permissibbli ta' aktar minn 3,5 tunnellati**;

(17) "vettura tqila tal-merkanzija" tfisser vettura maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija u li jkollha massa massima permissibbli ta' aktar minn 3,5 tunnellati;

(18) "kowċ [...] **u** xarabank" tfisser vettura maħsuba għall-ġarr ta' aktar minn 8 passiġġieri, flimkien mas-sewwieq, u li jkollha massa massima permissibbli ta' aktar minn 3,5 tunnellati;

(19) "vettura ħafifa" tfisser [...] **vettura li jkollha massa massima permissibbli ta' mhux aktar minn 3,5 tunnellati**;

(20) "karozza tal-passiġġieri" tfisser vettura [...] **li tinkludi mhux aktar minn tmien postijiet bilqiegħda flimkien mal-post bilqiegħda tas-sewwieq u li jkollha massa massima permissibbli ta' mhux aktar minn 3,5 tunnellati, jew karavann bil-mutur**;

(21) "minibus" tfisser vettura maħsuba għall-ġarr ta' mhux aktar minn tmien passiġġieri, flimkien mas-sewwieq, u li jkollha massa massima permissibbli ta' mhux aktar minn 3,5 tunnellati;

**(21a) "karavann bil-mutur" tfisser vettura bi spazju għall-għajxien, li fiha tagħmir bħal: siġġijiet u mejda, akkomodazzjoni għall-irqad li tista' tkun minn siġġijiet ikkonvertiti, faċilitajiet tat-tisjir u faċilitajiet tal-ħżin, li jkollha massa massima permissibbli ta' mhux aktar minn 3,5 tunnellati;**

(22) "**vettura kummerċjali ħafifa** [...]" tfisser vettura maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija u li jkollha massa massima permissibbli ta' mhux aktar minn 3,5 tunnellati;

(23) […]

**(23) "vettura b'żero emissjonijiet" tfisser**

**i) karozza tal-passiġġieri jew vettura kummerċjali ħafifa mingħajr magna tal-kombustjoni interna; jew**

**ii) vettura tqila kif definit fl-Artikolu 3(11) tar-Regolament (UE) 2019/1242 […][4];**

(24) "operatur tat-trasport" tfisser kull impriża li tittrasporta l-merkanzija jew il-passiġġieri bit-triq;

---

[4] **Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE, ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202–240.**

(25) "vettura tal-kategorija 'EURO 0', 'EURO I', 'EURO II', 'EURO III', 'EURO IV', 'EURO V', **'EEV'**, 'EURO VI'" tfisser vettura tqila li tikkonforma mal-limiti tal-emissjonijiet stipulati fl-Anness 0;

(26) "tip ta' vettura **tqila**" tfisser kategorija li magħha tagħmel vettura tqila skont l-għadd ta' fusien, id-dimensjonijiet jew il-piż tagħha, jew skont fatturi oħra ta' klassifikazzjoni tal-vettura li jirriflettu l-ħsara lit-toroq, eż. is-sistema ta' klassifikazzjoni skont il-ħsara lit-toroq stipulata fl-Anness IV, dment li s-sistema ta' klassifikazzjoni użata tkun ibbażata fuq il-karatteristiċi tal-vettura li jidhru fid-dokumentazzjoni tal-vettura użata fl-Istati Membri kollha jew li huma viżwalment evidenti;

**(26a) "subgrupp ta' vetturi" tfisser grupp ta' vetturi kif definit fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE) 2019/1242;**

(27) "kuntratt ta' konċessjoni" tfisser **konċessjoni ta'** [...] xogħlijiet **jew konċessjoni ta' servizzi** kif definit fl-Artikolu [...] **5(1)** tad-Direttiva 2014/[...] **23**/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5];

(28) "konċessjoni ta' ħlas għall-użu tat-triq" tfisser ħlas għall-użu tat-triq impost minn konċessjonarju taħt kuntratt ta' konċessjoni;

(29) "arranġament ta' tariffi jew ta' ħlas għall-użu tat-triq emendat b'mod sostanzjali" tfisser arranġament ta' ħlas għall-użu tat-triq jew ta' tariffi, **fejn l-emenda tar-rati hija mistennija żżid id-dħul b'aktar minn <u>10 %</u> meta mqabbel mas-sena ta' kontabbiltà preċedenti, eskluż l-effett taż-żieda fit-traffiku u wara li ssir korrezzjoni għall-inflazzjoni mkejla b'bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur madwar l-UE kollha, u eskluż l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat, kif ippubblikat mill-Kummissjoni (Eurostat).**

[…]

5 Direttiva 2014/[...] **23**/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 [...] **dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni** (ĠU L 94, 28.3.2014, p. [...] **1**.)";

**(30) "l-ewwel valur ta' referenza" tfisser, għal kull subgrupp ta' vetturi, il-valur tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ li jikkorrispondi għall-10 perċentil l-aktar baxx tad-data ta' monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 7 g-a, minbarra l-vetturi b'emissjonijiet żero fil-kalkolu ta' dawn il-valuri;**

**(31) "it-tieni valur ta' referenza" tfisser, għal kull subgrupp ta' vetturi, il-valur tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ li jikkorrispondi għall-20 perċentil l-aktar baxx tad-data ta' monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 7 g-a, minbarra l-vetturi b'emissjonijiet żero fil-kalkolu ta' dawn il-valuri;**

Għall-finijiet tal-punt 2:

(a) fi kwalunkwe każ, il-proporzjon tal-ispejjeż t tal-kostruzzjoni li għandhom jitqiesu ma għandux jaqbeż il-proporzjon tal-perijodu tal-ħajja attwali tad-disinn tal-komponenti tal-infrastruttura li kien għad fadal jiskorri fl-10 ta' Ġunju 2008 jew fid-data meta jiddaħħlu l-arranġamenti l-ġodda ta' ħlas għall-użu tat-triq, jekk din tkun data aktar tard;

(b) spejjeż tal-infrastruttura jew titjib tal-infrastruttura jistgħu jinkludu kwalunkwe nefqa speċifika fuq l-infrastruttura li tkun iddisinjata biex tnaqqas id-disturbi marbuta mal-istorbju jew biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u l-ħlasijiet reali li jsiru mill-operatur tal-infrastruttura li jikkorrispondu ma' elementi ambjentali oġġettivi bħalma huma l-protezzjoni kontra l-kontaminazzjoni tal-ħamrija.

[***imħassar:*** **[...]** ]

(3) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 7*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(1a), l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti fuq in-netwerk tat-toroq trans-Ewropew jew fuq ċerti sezzjonijiet ta' dak in-netwerk, u fuq kwalunkwe sezzjoni oħra addizzjonali tan-netwerk tal-awtostradi tagħhom li mhix parti min-netwerk tat-toroq trans-Ewropew skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 sa **8a** [...] ta' dan l-Artikolu u fl-Artikoli 7a sa 7k.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri, f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti fuq toroq oħra, dment li l-impożizzjoni ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti fuq toroq oħra bħal dawn ma tiddiskriminax kontra t-traffiku internazzjonali u ma tirriżultax f'distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi. Il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti applikati f'toroq li mhumiex fin-netwerk tat-toroq trans-Ewropew u minbarra l-awtostradi għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 7a u l-Artikolu 7j(1), (2) u (4).

**2a. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva, il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti għal kategoriji differenti ta' vetturi, pereżempju vetturi tqal, vetturi tqal tal-merkanzija, kowċis u xarabankijiet, vetturi ħfief, vetturi kummerċjali ħfief u karozzi tal-passiġġieri jistgħu jiġu introdotti jew miżmuma indipendentement minn xulxin.**

3. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu kemm ħlasijiet għall-użu tat-triq kif ukoll ħlasijiet fuq l-utenti għal kwalunkwe kategorija ta' vettura għall-użu ta' sezzjoni unika ta' triq. Madankollu, Stat Membru li jimponi ħlas fuq l-utenti fuq in-netwerk tiegħu jista' jimponi wkoll ħlasijiet għall-użu tat-triq għall-użu ta' pontijiet, mini u passaġġi fuq muntanji.

**L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 7c(<u>5</u>) u 7g-a(1) għal tali ħlasijiet għall-użu tat-triq għall-użu ta' pontijiet, mini u passaġġi fuq muntanji fejn tkun issodisfata waħda jew iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:**

(a) **l-applikazzjoni tal-paragrafi 7c(5) u 7g-a(1) ma tkunx teknikament prattikabbli għall-introduzzjoni ta' tali differenzjazzjoni fis-sistema kkonċernata ta' ħlas għall-użu tat-triq;**

(b) **l-applikazzjoni tal-paragrafi 7c(5) u 7g-a(1) twassal għad-devjazzjoni tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, b'impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq u s-saħħa pubblika.**

**Stat Membru li jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 7c(5) u 7g-a(1) skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu.**

4. Il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti ma għandhomx jiddiskriminaw, direttament jew indirettament, fuq il-bażi tan-nazzjonalità tal-utent tat-triq, tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz fejn l-operatur tat-trasport ikun stabbilit jew fejn il-vettura tkun irreġistrata, jew l-oriġini jew id-destinazzjoni tal-operazzjoni ta' trasport.

**4a. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu rati mnaqqsa ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ħlasijiet fuq l-utent u jeskludu sezzjonijiet ta' toroq b'intensità baxxa ta' traffiku f'żoni b'popolazzjoni baxxa.**

5. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu rati mnaqqsa ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ħlasijiet fuq l-utent, jew eżenzjonijiet mill-obbligu ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ħlasijiet fuq l-utent għal

(i) vetturi tqal eżentati mir-rekwiżit li jistallaw u jużaw apparat ta' reġistrazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]**;** u

(ii) **kwalunkwe vettura** [...] koperta mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(2)(a), (b) jew (c) ta' din id-Direttiva.

---

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1)

6. […]

7. [...] **.**

8. Sa[...] **[*ĠU: żid id-data tad-dħul fis-seħħ miżjuda bi tmien snin*]**, fir-rigward ta' vetturi [...] tqal **tal-merkanzija**, Stat Membru jista' jagħżel li japplika ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ħlasijiet fuq l-utenti fil-każ biss ta' vetturi **tqal tal-merkanzija** li jkollhom piż massimu permissibbli mgħobbija ta' mhux inqas minn 12-il tunnellata jekk iqis li l-estensjoni għall-vetturi **tqal tal-merkanzija** ta' inqas minn 12-il tunnellata:

(a) toħloq effetti avversi sinifikanti fuq iċ-ċirkolazzjoni libera tat-traffiku, l-ambjent, il-livelli ta' storbju, il-konġestjoni, is-saħħa, jew is-sikurezza fit-toroq minħabba d-devjazzjoni tat-traffiku;

(b) tinvolvi spejjeż amministrattivi ta' aktar minn [...] **15 %** tad-dħul addizzjonali li jkun ġie ġġenerat b'dik l-estensjoni**; jew**

**(c) tikkonċerna kategorija ta' vetturi li ma tikkawżax aktar minn 10 % tal-ispejjeż infrastrutturali li jista' jintalab ħlas għalihom.**

L-Istati Membri li jagħżlu li japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ħlasijiet fuq l-utenti jew it-tnejn li huma fil-każ biss ta' vetturi **tqal tal-merkanzija** li jkollhom piż massimu permissibbli meta mgħobbija ta' mhux inqas minn 12-il tunnellata […] għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom u r-raġunijiet għaliha.

**8a. Fejn jiġu applikati ħlasijiet għall-użu tat-triq għall-vetturi tqal kollha, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirkupraw perċentwali differenti tal-ispejjeż mill-kowċis u x-xarabankijiet, minn naħa, u mill-vetturi tqal tal-merkanzija, min-naħa l-oħra.**

9. […]

10. [...] ";

(4) L-Artikolu 7a huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 7a*

1. Il-ħlasijiet fuq l-utenti għandhom ikunu proporzjonati għat-tul tal-użu li jsir mill-infrastruttura.

2. Sa fejn japplikaw ħlasijiet fuq l-utenti fir-rigward ta' vetturi tqal, l-użu tal-infrastruttura għandu jkun disponibbli għal mill-inqas il-perjodi li ġejjin: ġurnata, ġimgħa, xahar u sena. Ir-rata għal xahar ma għandhiex tkun aktar minn 10 % tar-rata annwali, ir-rata għal ġimgħa ma għandhiex tkun aktar minn 5 % tar-rata annwali u r-rata għal ġurnata ma għandhiex tkun aktar minn 2 % tar-rata annwali. **Stat Membru jista' jiddeċiedi li għall-vetturi rreġistrati f'dak l-Istat Membru japplika biss rati annwali.**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ħlasijiet fuq l-utenti, inkluż l-ispejjeż amministrattivi, għall-kategoriji kollha ta' vettur**i** tqal [...], f'livell mhux ogħla mir-rati massimi stipulati fl-Anness II.

3. Sa fejn japplikaw il-ħlasijiet fuq l-utenti fir-rigward ta' karozzi tal-passiġġieri, l-użu tal-infrastruttura għandu jkun disponibbli għall-inqas għall-perjodi li ġejjin: 10 ġranet, xahar jew xahrejn jew it-tnejn, u sena. Ir-rata għal xahrejn ma għandhiex tkun aktar minn **33 %** tar-rata annwali[...] **u** r-rata ta' xahar ma għandhiex tkun aktar minn **20 %** tar-rata annwali. [...] Ir-rata ta' 10 ġranet ma għandhiex tkun aktar minn **13 %** tar-rata annwali.

L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu l-użu tal-infrastruttura disponibbli għal perjodi oħra ta' żmien. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom japplikaw rati skont il-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-utenti, filwaqt li jqisu l-fatturi rilevanti kollha, b'mod partikolari r-rata annwali u r-rati applikati għall-perjodi l-oħra msemmija fl-ewwel subparagrafu, ix-xejriet eżistenti tal-użu u l-ispejjeż amministrattivi.

Fir-rigward ta' skemi ta' ħlasijiet fuq l-utenti adottati qabel [...] **[*ĠU: żid id-data tad-dħul fis-seħħ*]**, l-Istati Membri jistgħu jżommu rati ogħla mil-limiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, fis-seħħ qabel dik id-data, u rati ogħla korrispondenti għal perjodi oħra ta' użu, f'konformità mal-prinċipju tat-trattament ugwali. Madankollu, għandhom jikkonformaw mal-limiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu kif ukoll mat-tieni subparagrafu malli l-arranġamenti ta' tariffi jew ta' ħlas għall-użu tat-triq emendati b'mod sostanzjali jidħlu fis-seħħ, u mhux aktar tard minn [...] **[*ĠU: żid id-data tad-dħul fis-seħħ miżjuda bi tmien snin*]**.

4. Għall-minibuses u għall-[...]**vetturi kummerċjali ħfief**, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-paragrafu 2 jew mal-paragrafu 3. L-Istati Membri [...] **jistgħu** madankollu jistabbilixxu [...] **rati differenti** ta' ħlasijiet fuq l-utenti għal minibuses u [...] **vetturi kummerċjali ħfief** milli għal karozzi tal-passiġġieri [...]."

**<u>(4a) L-Artikolu 7b huwa sostitwit b'dan li ġej:</u>**

*"Artikolu 7b*

1. It-tariffa għall-infrastruttura **<u>għall-vetturi tqal</u>** għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż tal-infrastruttura. It-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura **<u>għall-vetturi tqal</u>** għandha tkun relatata mal-ispejjeż tal-kostruzzjoni u l-ispejjeż tal-operat, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tan-netwerk tal-infrastruttura kkonċernata. It-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura tista' tinkludi wkoll dħul fuq il-kapital u/jew marġni ta' profitt ibbażat fuq il-kondizzjonijiet tas-suq.

2. L-ispejjeż meqjusa għandhom ikunu relatati man-netwerk jew il-parti tan-netwerk li fuqha jiġu imposti t-tariffi għall-infrastruttura **<u>għall-vetturi tqal</u>** u mal-vetturi li jkunu soġġetti għalihom. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirkupraw biss perċentwal minn dawk l-ispejjeż."

(5) L-Artikolu 7c huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 7c*

1. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu tariffa għall-ispejjeż esterni, marbuta mal-ispiża tat-**tniġġis** tal-arja mit-traffiku, [...] it-tniġġis mill-istorbju, **l-emissjonijiet ta' $CO_2$** jew [...] **kwalunkwe taħlita tagħhom**.

**Meta tiġi applikata tariffa għall-ispejjeż esterni** għat-tniġġis tal-arja u l-istorbju minn vetturi tqal, [...] **l-Istati Membri** għandhom ivarjaw**ha** u [...] jistabbilixxu**ha** skont ir-rekwiżiti minimi u l-metodi msemmija fl-Anness IIIa u għandhom jirrispettaw il-valuri ta' referenza stipulati fl-Anness IIIb.

2. L-ispejjeż li jiġu kkunsidrati għandhom ikunu relatati man-netwerk jew mal-parti tan-netwerk li fuqha huma imposti t-tariffi għall-ispejjeż esterni u mal-vetturi li huma soġġetti għalihom. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirkupraw biss perċentwal minn dawk l-ispejjeż.

3. It-tariffa għall-ispejjeż esterni marbuta mat-tniġġis tal-arja mit-traffiku ma għandhiex tapplika għal vetturi tqal li jikkonformaw mal-aktar standards stretti tal-emissjonijiet EURO.

L-ewwel subparagrafu ma għandux jibqa' japplika erba' snin mid-data meta r-regoli li introduċew dawk l-istandards bdew japplikaw.

**3a. Stat Membru jista' jidderoga mir-rekwiżit li jvarja t-tariffa għall-infrastruttura jew il-ħlas fuq l-utent skont il-paragrafu 1a tal-Artikolu 7g-a fejn tiġi imposta tariffa għall-ispejjeż esterni għas-$CO_2$ u din tiġi varjata skont il-valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' $CO_2$, kif previst fl-Anness IIIc, jew fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 3c.**

**Tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ tista' tiġi kkombinata ma' tariffa għall-infrastruttura li tkun ġiet varjata skont l-Artikolu 7 g-a.**

**3b. Għax-xarabankijiet u l-kowċis, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw l-istess valuri jew valuri aktar baxxi minn dawk stipulati fl-Anness IIIc.**

3c. **Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9c(3), biex tistabbilixxi l-valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-vetturi li jappartjenu għall-klassijiet 2 u 3 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ imsemmija fil-paragrafu 1a tal-Artikolu 7 g-a, u biex tirrevedi dawk il-valuri għal vetturi b'emissjonijiet baxxi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati fi żmien sena wara li d-data ta' referenza dwar l-emissjonijiet ta' $CO_2$, meħtieġa għall-kalkoli tal-valuri tal-ispejjeż esterni għal klassi ta' vetturi msemmija fl-Anness IIIc, tiġi ppubblikata għall-ewwel darba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242.**

[3d. *imħassar*]

3e. **L-Istati Membri jistgħu wkoll japplikaw tariffi għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ li jkunu ogħla mill-valuri ta' referenza stipulati fl-Anness IIIc, sakemm dan isir b'mod mhux diskriminatorju, u limitat għal mhux aktar mid-doppju tal-valuri stipulati fl-Anness IIIc. Fejn l-Istati Membri japplikaw dan il-paragrafu huma għandhom jiġġustifikaw id-deċiżjoni tagħhom u jagħtu notifika dwarha lill-Kummissjoni.**

4. L-ammont tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat. Jekk Stat Membru jaħtar awtorità għal dan l-iskop, l-awtorità għandha tkun legalment u finanzjarjament indipendenti mill-organizzazzjoni responsabbli għall-ġestjoni jew il-ġbir tat-tariffa kollha jew ta' parti minnha.

5. Minn [...] **[*ĠU: żid id-data tad-dħul fis-seħħ + erba' snin*]**, **dawk** l-Istati Membri li jimponu ħlasijiet għall-użu tat-toroq għandhom japplikaw tariffa għall-ispejjeż esterni lill-vetturi tqal fuq mill-inqas [...] parti tan-netwerk imsemmija fl-Artikolu 7(1) fejn il-ħsara ambjentali ġġenerata minn vetturi tqal tkun **l-aktar sinifikanti**. [...] ";[7]

---

[7] ***Tiżdied premessa ġdida*: L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jillimitaw, fejn xieraq, l-applikazzjoni ta' tariffi għall-ispejjeż esterni għal vetturi tqal għal dawk il-partijiet tan-netwerk fejn jiġu applikati tariffi infrastrutturali.**

(5a) **L-Artikolu 7d huwa sostitwit b'dan li ġej:**

"***Artikolu 7d***

**Sa sitt xhur wara l-adozzjoni ta' standards futuri u aktar stretti tal-emissjonijiet EURO, il-Kummissjoni għandha, fejn ikun xieraq, tippreżenta proposta leġislattiva biex tiddetermina l-valuri ta' referenza korrispondenti fl-Anness IIIb.**"

(6) Jiddaħħal l-Artikolu 7da li ġej:

"*Artikolu 7da*

1. F'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu tariffa tal-konġestjoni fuq kwalunkwe sezzjoni tan-netwerk tat-toroq tagħhom li tkun soġġetta għall-konġestjoni. It-tariffa tal-konġestjoni tista' tiġi applikata biss fuq dawk is-sezzjonijiet tat-toroq li jkollhom konġestjoni regolari u matul dawk il-perjodi biss fejn tipikament ikollhom konġestjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu s-sezzjonijiet tat-toroq u l-perjodi ta' ħin imsemmija fil-paragrafu 1 abbażi ta' kriterji oġġettivi marbuta mal-livell ta' esponiment tat-toroq u l-viċinanzi tagħhom għall-konġestjoni, bħal pereżempju l-medja tad-dewmien jew tat-tul tas-serbut ta' vetturi.

3. Tariffa tal-konġestjoni imposta fuq kwalunkwe sezzjoni tan-netwerk tat-toroq għandha tapplika b'mod mhux diskriminatorju għall-kategoriji kollha ta' vetturi, f'konformità mal-fatturi ta' ekwivalenza standard stabbiliti fl-Anness V. **L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mit-tariffa tal-konġestjoni, parzjalment jew għalkollox, lil minibuses, kowċis u xarabankijiet.**

4. It-tariffa tal-konġestjoni għandha tirrifletti l-ispejjeż imposti minn vettura fuq l-utenti l-oħra tat-triq, u indirettament fuq is-soċjetà, [...] **u** għandha [...] **tirrispetta l-valuri ta' referenza** stabbiliti fl-Anness VI għal kull tip speċifiku ta' triq **u għandha tiġi stabbilita skont ir-rekwiżiti minimi msemmija fl-Anness V.Fejn Stat Membru jkollu l-intenzjoni japplika tariffi tal-konġestjoni ogħla mill-valuri ta' referenza stabbiliti fl-Anness VI, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni skont ir-rekwiżiti msemmija fl-Anness V.**

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-monitoraġġ tal-impatt tat-tariffi tal-konġestjoni u għar-rieżami tal-livell tagħhom. Għandhom iwettqu rieżami tal-livell tat-tariffi b'mod regolari, tal-inqas kull tliet snin, biex jiżguraw li dawn ma jkunux ogħla mill-ispiża tal-konġestjoni li tokkorri f'dak l-Istat Membru u li hija ġġenerata f'dawk is-sezzjonijiet tat-toroq li huma soġġetti għat-tariffa tal-konġestjoni.";

**(6a) Il-paragrafi <u>1 u 2</u> tal-Artikolu 7e <u>huma</u> sostitwit<u>i</u> b'dan li ġej:**

"1. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-livell massimu tat-tariffa għall-infrastruttura **għall-vetturi tqal** billi jużaw metodoloġija bbażata fuq il-prinċipji ewlenin tal-kalkolu stipulati fl-**<u>Artikolu 7b u</u>** l-Anness III."

2. Għall-ħlasijiet għall-użu tat-triq ta' konċessjoni, il-livell massimu tat-tariffa għall-infrastruttura **<u>għal vetturi tqal</u>** għandu jkun ekwivalenti għal, jew inqas mil-livell li kien jirriżulta mill-użu ta' metodoloġija bbażata fuq il-prinċipji ewlenin tal-kalkolu stipulati fl-**<u>Artikolu 7b u</u>** l-Anness III. Il-valutazzjoni ta' ekwivalenza ta' dan it-tip għandha ssir fuq il-bażi ta' perijodu ta' referenza raġonevolment twil adatt għan-natura tal-konċessjoni."

(7) L-Artikoli 7f u 7g huma sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 7f*

1. Wara li jkun informa lill-Kummissjoni, Stat Membru jista' japplika żieda marġinali mat-tariffa għall-infrastruttura imposta fuq sezzjonijiet speċifiċi tat-toroq li jkollhom konġestjoni regolari, jew li l-użu tagħhom mill-vetturi jikkawża ħsara ambjentali sinifikanti, fejn ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-dħul iġġenerat miż-żieda marġinali jiġi investit biex jiffinanzja **l-iżvilupp tas-servizzi tat-trasport, jew il-**kostruzzjoni **jew il-manutenzjoni** tal-infrastruttura tat-trasport fin-netwerk ewlieni identifikat skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, li tikkontribwixxi direttament biex tittaffa l-konġestjoni jew il-ħsara ambjentali u li jinsabu fl-istess kuritur bħas-sezzjoni tat-triq li fuqha tiġi applikata ż-żieda marġinali;

(b) iż-żieda marġinali ma taqbiżx il-15 % tat-tariffa medja ponderata għall-infrastruttura kkalkulata skont l-Artikolu 7b(1) u l-Artikolu 7e, ħlief fejn id-dħul iġġenerat jiġi investit f'sezzjonijiet transfruntiera tal-kurituri tan-netwerk ewlieni, f'liema każ iż-żieda marġinali ma tistax taqbeż il-25 %**. Fejn żewġ Stati Membri jew aktar japplikaw żieda marġinali fl-istess kuritur, iż-żieda marġinali ma tistax taqbeż il-50 %**;

(c) l-applikazzjoni taż-żieda marġinali ma tirriżultax fi trattament inġust tat-traffiku kummerċjali meta mqabbel ma' utenti oħra tat-toroq;

(d) deskrizzjoni tal-post eżatt taż-żieda marġinali u prova ta' deċiżjoni li tiffinanzja l-kostruzzjoni ta' kurituri tan-netwerk ewlieni msemmija fil-punt (a) jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni qabel l-applikazzjoni taż-żieda marġinali;

(e) il-perijodu li għalih għandha tapplika ż-żieda marġinali jkun definit u limitat minn qabel u jkun konsistenti, fir-rigward tad-dħul li mistenni li jkun hemm, mal-pjanijiet finanzjarji u mal-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji għall-proġetti kofinanzjati bid-dħul miż-żieda marġinali.

1a. Fil-każ ta' proġetti transfruntiera ġodda, żidiet marġinali jistgħu jsiru biss jekk l-Istati Membri kollha involuti f'tali proġett jaqblu.

2. Żieda marġinali tista' tiġi applikata fuq tariffa għall-infrastruttura li tkun ġiet varjata skont l-Artikolu 7g, **7g-a** jew 7ga.

3. Wara li tirċievi l-informazzjoni meħtieġa minn Stat Membru li jkollu l-ħsieb li japplika żieda marġinali, il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-membri tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 9c. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li ż-żieda marġinali ppjanata ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, jew jekk tikkunsidra li ż-żieda marġinali ppjanata ser ikollha effetti avversi sinifikanti fuq l-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni periferiċi, hija tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiċħad jew titlob l-emendar tal-pjanijiet għat-tariffi ppreżentati mill-Istat Membru kkonċernat. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' [...] **eżami** msemmija fl-Artikolu 9c([...] **3**).

4. […]

5. Żieda marġinali ma tistax tiġi applikata għal sezzjonijiet tat-toroq fejn tiġi applikata tariffa tal-konġestjoni.

*Artikolu 7g*

1. [...] **I**t-tariffa għall-infrastruttura tista' tiġi varjata bl-iskop li tonqos il-konġestjoni, tonqos kemm jista' jkun il-ħsara lill-infrastruttura u jitjieb bl-aħjar mod possibbli l-użu tal-infrastruttura kkonċernata jew tiġi promossa s-sikurezza fit-toroq, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-varjazzjoni tkun trasparenti, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha b'termini ugwali;

(b) il-varjazzjoni tiġi applikata skont il-ħin tal-jum, it-tip ta' jum jew l-istaġun;

(c) ebda tariffa għall-infrastruttura ma tkun aktar minn 175 % 'il fuq mil-livell massimu tat-tariffa medja ponderata għall-infrastruttura kif imsemmi fl-Artikolu 7b;

(d) il-perjodi bl-aktar traffiku li matulhom jiġu imposti tariffi ogħla għall-infrastruttura bl-iskop li tonqos il-konġestjoni ma jkunux itwal minn ħames sigħat kuljum;

(e) il-varjazzjoni tkun ippjanata u applikata b'mod trasparenti u newtrali mil-lat tad-dħul finanzjarju f'sezzjoni tat-triq milquta mill-konġestjoni billi jiġu offruti rati ta' ħlas imnaqqsa [...] għall-**utenti tat-triq** li jivvjaġġaw waqt perijodu b'inqas traffiku u rati ta' ħlas ogħla [...] għall-**utenti tat-triq** li jivvjaġġaw waqt il-perijodi bl-aktar traffiku fl-istess sezzjoni tat-triq**;**

**(f) ebda tariffa tal-konġestjoni ma hija imposta fuq is-sezzjoni tat-triq ikkonċernata.**

Stat Membru li jkun jixtieq jintroduċi tali varjazzjoni jew ibiddel waħda eżistenti għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan u jipprovdilha l-informazzjoni neċessarja biex tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet humiex issodisfati.

2. Sakemm [...] **tiġi applikata l-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura msemmija fl-Artikolu 7g-a**, fir-rigward tal-vetturi tqal, l-Istati Membri għandhom ivarjaw it-tariffa għall-infrastruttura skont il-klassi tal-emissjonijiet EURO tal-vettura b'tali mod li ebda tariffa għall-infrastruttura ma tkun aktar minn 100 % 'l fuq mill-istess tariffa għal vetturi ekwivalenti li jissodisfaw l-aktar standards stretti tal-emissjonijiet. **Ladarba t-tariffi għall-infrastruttura u l-ħlasijiet fuq l-utent jiġu varjati skont l-Artikolu 7g-a, l-Istati Membri ma għandhomx ikomplu l-varjazzjoni skont il-klassi tal-emissjonijiet EURO.** […]

**L-Istati Membri jistgħu japplikaw tnaqqis sa <u>75 % għal vetturi b'żero emissjonijiet</u> imqabbel mat-tariffa għall-istandards l-aktar stretti tal-emissjonijiet minn [*ĠU: żid id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*].**

Madankollu, Stat Membru jista' jidderoga mir-rekwiżit li jvarja t-tariffa għall-infrastruttura jekk tkun tapplika kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) huwa jimmina b'mod serju l-koerenza tas-sistemi tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq fit-territorju tiegħu;

(ii) ma jkunx teknikament prattikabbli li tiġi introdotta din id-differenzjazzjoni fis-sistema kkonċernata ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq;

(iii) huwa jwassal għad-devjazzjoni tal-vetturi li jniġġsu l-aktar b'impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq u s-saħħa pubblika;

(iv) il-ħlas għall-użu tat-triq jinkludi tariffa għall-ispejjeż esterni.

Kwalunkwe deroga jew eżenzjoni bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

3. Fejn, f'każ ta' kontroll, is-sewwieq jew, jekk ikun adattat, l-operatur tat-trasport, ma jkunx jista' jippreżenta d-dokumenti tal-vettura meħtieġa biex jikkonferma l-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura għall-finijiet tal-paragrafu 2, **u fejn il-fornitur tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS), fejn ikun adatt, ma jistax jipprovdi din l-informazzjoni,** l-Istati Membri jistgħu japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq sal-ogħla livell li jista' jiġi impost.

**4. Il-varjazzjonijiet imsemmijin f'dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu maħsuba biex jiġġeneraw bidliet fid-dħul.**

**(7a) jiddaħħal l-Artikolu 7g-a li ġej:**

***"Artikolu 7g-a***

**1. L-Istati Membri għandhom japplikaw varjazzjoni fit-tariffi għall-infrastruttura u l-ħlasijiet fuq l-utenti għal vetturi tqal skont dan l-Artikolu.**

**Il-varjazzjoni għandha tiġi applikata għal subgrupp ta' vetturi tqal minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni rilevanti għal dak is-subgrupp, kif imsemmi fil-paragrafu 2 jew 3.**

**Minn dik id-data, l-Istati Membri għandhom iwaqqfu l-varjazzjoni skont il-klassi ta' emissjonijiet EURO prevista fl-Artikolu 7 g fir-rigward tal-vettura tqila inkwistjoni.**

**1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu għal kull tip ta' vetturi tqal il-klassijiet ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ li ġejjin:**

**(a) Klassi 1 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ - vetturi li ma jappartjenu għal ebda klassi ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ imsemmija taħt il-punti (b) sa (e);**

**(b) Klassi 2 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ - vetturi b'emissjonijiet ta' $CO_2$ inqas jew ugwali għat-tieni valur ta' referenza tas-subgrupp ta' vetturi speċifiku tagħhom iżda li ma jappartjenu għal ebda klassi ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ imsemmija taħt il-punti (c) sa (e);**

**(c) Klassi 3 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ - vetturi b'emissjonijiet ta' $CO_2$ inqas jew ugwali għall-ewwel valur ta' referenza tas-subgrupp ta' vetturi speċifiku tagħhom iżda li ma jappartjenu għal ebda klassi ta' emissjonijiet ta' CO2 imsemmija taħt il-punti (d) sa (e);**

(d) **Klassi 4 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ - vetturi tqal b'emissjonijiet baxxi, kif definiti fl-Artikolu 3(12) tar-Regolament (UE) Nru 2019/1242;**

(e) **Klassi 5 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ - vetturi b'żero emissjonijiet.**

1b. **L-ogħla livell ta' tariffa għall-infrastruttura jew ta' ħlas fuq l-utent, għal tip partikolari ta' vetturi tqal, għandu japplika għall-vetturi li jaqgħu taħt il-klassi 1 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$. Għandhom japplikaw tariffi mnaqqsa għal vetturi fil-klassijiet 2, 3, 4 u 5, ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ kif ġej:**

- **Klassi 2 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ - tnaqqis ta' 5 % sa 15 % meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 ta' emissjonijiet ta' CO2;**
- **Klassi 3 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ - tnaqqis ta' 15 % sa 30 % meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 ta' emissjonijiet ta' CO2;**
- **Klassi 4 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ - tnaqqis ta' 30 % sa 50 % meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 ta' emissjonijiet ta' CO2;**
- **Klassi 5 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ - tnaqqis ta' 50 % sa 75 % meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$.**

2. **Għall-vetturi tqal imsemmijin fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-ewwel u t-tieni valuri ta' referenza, kif definiti fl-Artikolu 2(30) u 2(31) rispettivament, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9c(3). Dawk il-valuri ta' referenza għandhom ikunu msejsa fuq id-data ta' monitoraġġ imsemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2019/1242. Il-Kummissjoni għandha tadotta tali atti ta' implimentazzjoni fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet ta' referenza ta' $CO_2$ , kif definiti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242, rilevanti għal subgrupp speċifiku ta' vetturi tqal.**

**Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9c(3), li jistabbilixxu valuri ta' referenza ġodda fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe aġġustament rilevanti tal-emissjonijiet ta' referenza ta' $CO_2$ adottati skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament 2019/1242.**

**3. Fir-rigward ta' vetturi tqal mhux koperti mill-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-ewwel u t-tieni valuri ta' referenza abbażi tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal kull grupp ta' vetturi tqal ippubblikati skont l-Artikolu 10 tar-Regolament 2018/956. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9c(3) u fi żmien sena minn meta d-data tiġi rrappurtata lill-Kummissjoni skont ir-Regolament 2018/956.**

**Għall-istabbiliment tal-klassi 4 ta' emissjonijiet ta' $CO_2$, il-Kummissjoni għandha tapplika l-metodoloġija deskritta fil-punt 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242.**

**4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9c(3), biex tadatta, għall-vetturi msemmijin fil-paragrafu 2 u 3 fuq il-bażi tal-aktar data ta' monitoraġġ reċenti, il-valuri perċentili definiti fl-Artikoli 2(30) u 2(31), għas-separazzjoni tal-klassijiet ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ imsemmijin fil-paragrafu 1a. L-ewwel att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat sal-31 ta' Diċembru 2026, u minn hemm' il quddiem kull ħames snin.**

**Il-valuri adattati għandhom japplikaw minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni inkwistjoni.**

**7. Il-varjazzjonijiet imsemmijin f'dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu maħsuba biex jiġġeneraw bidliet fid-dħul."**

(8) jiddaħħal l-Artikolu 7ga li ġej:

*"Artikolu 7ga*

1. Għal vetturi ħfief, l-Istati Membri jistgħu jiddifferenzjaw il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utent skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura, kif definit mill-emissjonijiet ta' $CO_2$ speċifiċi kkombinati, jew ikkombinati ponderati, irreġistrati fl-entrata 49 taċ-ċertifikat tal-konformità tal-vettura, u mill-prestazzjoni tal-emissjonijiet Euro.

Ir-rati aktar baxxi ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti għandhom japplikaw għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief li jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-emissjonijiet speċifiċi tagħhom ta' $CO_2$, iddeterminati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1151[8], għandhom ikunu żero jew inqas mil-livelli li ġejjin:

(i) għall-perijodu mill-2021 sal-2024, il-medja, ponderata fuq l-għadd ta' karozzi tal-passiġġieri jew vetturi kummerċjali ħfief irreġistrati ġodda f'dik is-sena, tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi determinati għal kull manifattur individwali skont il-punt 4 tal-Parti A u l-Parti B rispettivi tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9];

(ii) għall-perijodu mill-2025 sal-2029, il-miri għall-flotta kollha tal-UE ddeterminati skont il-punti 6.1.1. tal-Partijiet A u B rispettivi tal-Anness I ta' dak ir-Regolament;

(iii) għall-perijodu mill-2030 'il quddiem, il-miri għall-flotta kollha tal-UE ddeterminati skont il-punti 6.1.2. tal-Partijiet A u B tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(b) l-emissjonijiet tagħhom ta' sustanzi niġġiesa, iddeterminati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151, għandhom ikunu kif speċifikat fit-tabella tal-Anness VII ta' din id-Direttiva.

---

8 Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008

9 Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011

3. Fejn, f'każ ta' kontroll, sewwieq jew, jekk ikun adatt, l-operatur tat-trasport, **jew il-fornitur tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS), fejn xieraq,** ma jkunux jistgħu jaċċertaw il-livelli tal-emissjonijiet tal-vettura, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ħlasijiet annwali fuq l-utenti sal-ogħla livell li jista' jiġi impost."

(9) l-Artikolu 7h huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Tal-inqas sitt xhur qabel l-implimentazzjoni ta' arranġament ġdid jew ta' arranġament sostanzjalment emendat ta' ħlas għall-użu tat-triq għall-infrastruttura, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:";

**(aa) jiddaħħal il-paragrafu 1a kif ġej:**

**"1a. Meta jibgħat informazzjoni lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1, l-Istat Membru jista' jipprevedi jew jinkludi aktar minn emenda waħda ta' arranġament ta' ħlas għall-użu tat-triq għall-infrastruttura. L-implimentazzjoni ta' tali emenda prevista, li l-Kummissjoni tkun diġà ġiet infurmata dwarha, ma għandhiex tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1."**

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Qabel l-implimentazzjoni ta' arranġament ġdid jew sostanzjalment emendat ta' ħlas ta' tariffa għall-ispejjeż esterni, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar in-netwerk ikkonċernat, ir-rati previsti għal kull kategorija ta' vetturi u klassi ta' emissjonijiet **u, fejn ikun japplika, jinnotifikaw lill-Kummissjoni skont il-punt (2) tal-Anness IIIa, jew il-punt (2) tal-Anness V**.";

(c) il-paragrafu 4 huwa mħassar;

(10) l-Artikolu 7i huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) roħs jew tnaqqis bħal dan jirrifletti l-iffrankar reali fl-ispejjeż amministrattivi tat-trattament ta' utenti frekwenti meta mqabbla mal-utenti okkażjonali;

(c) roħs jew tnaqqis bħal dan ma jaqbiżx it-13 % tat-tariffa għall-infrastruttura mħallsa minn vetturi ekwivalenti li mhumiex eliġibbli għar-roħs jew għat-tnaqqis.";

**(aa) jiddaħħal il-paragrafu 2a kif ġej:**

**"2a. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu skontijiet jew tnaqqis fit-tariffa għall-infrastruttura għall-karozzi tal-passiġġieri fil-każ ta' utenti frekwenti <u>b'mod partikolari</u> f' żoni ta' residenza dispersi u fil-periferiji tal-bliet. Tnaqqis fid-dħul minħabba skont mogħti lil utenti frekwenti m'għandux jiġi impost fuq utenti anqas frekwenti."**

(b) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

"3. Soġġett għall-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7g(1)(b) [...], ir-rati tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq jistgħu, għal proġetti speċifiċi ta' interess kbir Ewropew identifikati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, ikunu soġġetti għal forom oħrajn ta' varjazzjoni sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà kummerċjali ta' dawn il-proġetti meta jkunu esposti għal kompetizzjoni diretta ma' modalitajiet oħrajn ta' trasport. L-istruttura tat-tariffi u li tirriżulta għandha tkun lineari, proporzjonata, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha b'termini ugwali u ma għandhiex twassal biex l-ispejjeż addizzjonali jingħaddu għand utenti oħrajn fl-għamla ta' ħlasijiet ogħla għall-użu tat-triq.";

(11) l-Artikolu 7j huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fl-istabbiliment ta' metodi li jippermettu lill-utenti tat-toroq iħallsu t-tariffi għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti 24 siegħa kuljum, tal-inqas **b'mod elettroniku jew** f'punti tal-bejgħ ewlenin, bl-użu ta' mezzi komuni ta' ħlas, ġewwa u barra l-Istati Membri fejn ikunu applikati. **L-Istati Membri mhumiex obbligati jipprovdu punti ta' ħlas fiżiċi.**";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Jekk Stat Membru jimponi ħlas għall-użu tat-triq fuq vettura, l-ammont totali tal-ħlas għall-użu tat-triq, l-ammont tat-tariffa għall-infrastruttura, l-ammont tat-tariffa għall-ispejjeż esterni u l-ammont għat-tariffa tal-konġestjoni, fejn jiġu applikati, għandhom jiġu indikati fi rċevuta pprovduta lill-utent tat-triq, sa fejn ikun possibbli b'mezzi elettroniċi. **L-utent tat-triq jista' jaqbel li ma jingħatax l-irċevuta.**";

(c) fil-paragrafu 4, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fejn ikun ekonomikament fattibbli, l-Istati Membri għandhom jimponu u jiġbru t-tariffi għall-ispejjeż esterni u t-tariffi tal-konġestjoni permezz ta' sistema elettronika **ta' ħlas għall-użu tat-triq** li tkun konformi ma[...]d-**dispożizzjonijiet** tal-Artikolu [...] **3(1)** tad-Direttiva [...] **(UE) 2019/520**.";

(12) l-Artikolu 7k huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 7k*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din id-Direttiva ma taffettwax il-libertà tal-Istati Membri li jintroduċu sistema ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq għal kumpens xieraq.";

(13) f-Artikolu 8, **il-punti (a) u (b) tal-**paragrafu 2 [...] **jiġu sostitwiti b'dan li ġej**:

[...] [...] **"(a) il-pagament tal-ħlas komuni fuq l-utent għandu jagħti aċċess għas-sistema tat-toroq kif definit mill-Istati Membri parteċipanti skont l-Artikolu 7(1) u (2);**

**(b) ir-rati komuni ta' ħlasijiet imposti fuq l-utenti għandhom jiġu ffissati mill-Istati Membri parteċipanti f'livelli li mhumiex ogħla mir-rati massimi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 7a;"**

(14) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jitħassar it-tieni subparagrafu;

[...] [...] [...] [...] [...] .";

**(14a) Fl-Artikolu 9c, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:**

**"3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011."**

(15) l-Artikoli 9d u 9e huma sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 9d*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9e biex temenda l-Anness 0, **il-formuli fit-taqsimiet 4.1 u 4.2 fl-Anness IIIa u** l-ammonti fit-Tabella[...] 1 [...] fl-Anness IIIb[...] sabiex tadattahom skont il-progress xjentifiku u tekniku.

*Artikolu 9e*

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-[...]Artikolu 9d għal [...] **perijodu ta' ħames snin** minn **[*ĠU: żid id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.**

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-[...]Artikolu 9d tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandu jkollha effett fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tibgħat notifika dwaru lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill simultanjament.

6. Att delegat adottat skont [...] l-Artikolu 9d għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(16) l-Artikoli 9f u 9g jitħassru;

(17) l-Artikolu 10a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*<u>Artikolu 10a</u>*

1. L-ammonti f'euro kif stabbiliti fl-Anness II u l-ammonti f'ċenteżmi kif stabbiliti fit-Tabella[...] 1 [...] fl-Anness IIIb għandhom jiġu adattati kull sentejn sabiex jitqiesu l-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur madwar l-UE bl-esklużjoni tal-enerġija u tal-ikel mhux ipproċessat, kif ippubblikat mill-Kummissjoni (Eurostat). L-ewwel adattament għandu jseħħ sal-31 ta' Marzu **[*ĠU: żid is-sena ta' wara s-sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*]**.

L-ammonti għandhom jiġu adattati awtomatikament, permezz [...] **tal-adattament** tal-ammont bażi f'euro jew f'ċenteżmi bil-perċentwal tal-bidla f'dak l-indiċi. L-ammonti li jirriżultaw għandhom jiġu aġġustati 'l fuq sal-eqreb euro fir-rigward tal-Anness II, jiġu aġġustati 'l fuq sal-eqreb deċimu ta' ċenteżmu fir-rigward tal-Anness IIIb.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-ammonti adattati msemmija fil-paragrafu 1 sal 31 ta' Marzu tas-sena wara tmiem is-sentejn kalendarji msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-ammonti adattati għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-pubblikazzjoni.";

(18) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 11*

1. **Kull ħames snin** [...], l-Istati Membri għandhom jippubblikaw f'forma aggregata, rapport dwar il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utent imposti fuq it-territorju tagħhom[...].

2. Ir-rapport ippubblikat skont il-paragrafu 1 għandu jinkludi informazzjoni dwar:

(a) it-tariffa għall-ispejjeż esterni imposta għal kull kombinazzjoni ta' klassi ta' vetturi, tip ta' triq u perijodu ta' żmien;

(b) Il-varjazzjoni tat-tariffi tal-infrastruttura **jew il-ħlasijiet fuq l-utent** skont **il-kategorija tal-vettura u** t-tip ta vettura **tqila**[...];

(c) it-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura [...] u d-dħul totali li jkun inġabar permezz tat-tariffa għall-infrastruttura[...];

(d) id-dħul totali ġġenerat mit-tariffi għall-ispejjeż esterni;

(e) id-dħul totali ġġenerat mit-tariffi tal-konġestjoni;

(f) id-dħul totali ġġenerat mill-ħlasijiet għall-użu tat-triq u/jew il-ħlasijiet fuq l-utenti;

(g) informazzjoni dwar l-użu tad-dħul iġġenerat permezz tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u kif dan l-użu ppermetta lill-Istat Membru jilħaq il-miri tiegħu msemmija fl-Artikolu 9(2) [...];

[…]

[…]

3. [...] [...] [...] [...]

4. […]

5. [...] ";

([...] **19**) L-Annessi huma emendati kif ġej:

(a) L-Annessi 0, IIIa, IIIb u IV huma emendati kif stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva.

(b) L-Annessi **IIIc,** V, VI u VII jiddaħħlu kif stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn **[*ĠU: żid id-data tad-dħul fis-seħħ miżjuda b'sentejn*]**. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew* *Għall-Kunsill*

*Il-President* *Il-President*

(1) L-Annessi 0, III, IIIa, IIIb u IV huma emendati kif ġej:

(a) it-Taqsima 3 tal-Anness 0 hija emendata kif ġej:

[...] [...] [...] (iii) jiġi miżjud dan li ġej:

**"Limiti tal-Emissjonijiet Euro VI**

| | Valuri ta' limitu | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | CO (mg/kWh) | THC (mg/kWh) | NMHC (mg/kWh) | $CH_4$ (mg/kWh) | $NO_X$ (1) (mg/kWh) | $NH_3$ (ppm) | Massa ta' PM (mg/kWh) | Numru PM (#/kWh) |
| WHSC (CI) | 1500 | 130 | | | 400 | 10 | 10 | $8{,}0 \times 10^{11}$ |
| WHTC (CI) | 4000 | 160 | | | 460 | 10 | 10 | $6{,}0 \times 10^{11}$ |
| WHTC (PI) | 4000 | | 160 | 500 | 460 | 10 | 10 | $6{,}0 \times 10^{11}$ |

Nota:

PI = Tqabbid bl-ispark.

CI = Tqabbid bil-kompressjoni.

(1) Il-livell ammissibbli tal-komponent $NO_2$ fil-valur ta' limitu ta' $NO_x$ jista' jiġi definit fi stadju aktar tard.";

(b) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(i) It-Taqsima 2 hija emendata kif ġej:

- fil-punt 2.1., is-sitt inċiż jinbidel b'dan li ġej:

'- L-ispejjeż għandhom jiġu allokati għal vetturi tqal fuq bażi oġġettiva u trasparenti billi jitqies il-proporzjon ta' traffiku ta' vetturi tqal li jiċċirkola fuq in-netwerk u l-ispejjeż assoċjati. L-għadd ta' kilometri tal-vettura vvjaġġati minn vetturi tqal jista' għal dan l-għan jiġi aġġustat b'"fatturi ta' ekwivalenza" ġustifikati oġġettivament bħal dawk stabbiliti fil-punt 4[10].';

- fil-punt 2.2., it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"- Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu allokati bejn il-vetturi tqal u traffiku ieħor abbażi ta' ishma reali u mbassra ta' kilometri tal-vettura u jistgħu jiġu aġġustati b'fatturi ta' ekwivalenza ġustifikati oġġettivament bħal dawk imniżżla fil-punt 4.";

(ii) fit-Taqsima 4, l-intestatura u l-ewwel inċiż huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. IS-SEHEM TA' TRAFFIKU TA' VETTURI TQAL, IL-FATTURI TA' EKWIVALENZA U L-MEKKANIŻMU TA' KORREZZJONI

– Il-kalkolu tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq għandu jkun ibbażat fuq ishma reali jew imbassra ta' kilometri tal-vettura vvjaġġati minn vetturi tqal, aġġustati, jekk mixtieq, b'fatturi ta' ekwivalenza, biex titqies kif xieraq iż-żieda fl-ispejjeż tal-kostruzzjoni u tat-tiswija tal-infrastruttura għall-użu ta' vetturi tqal.";

---

10 L-applikazzjoni ta' fatturi ta' ekwivalenza mill-Istati Membri tista' tqis il-kostruzzjoni tat-toroq żviluppata fuq bażi ta' fażijiet jew bl-użu ta' approċċ ta' ċiklu ta' ħajja twil

(c) L-Anness IIIa huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IIIa

**REKWIŻITI MINIMI GĦALL-IMPOŻIZZJONI TA' TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ ESTERNI**

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-impożizzjoni ta' tariffa għall-ispejjeż esterni u, fejn applikabbli, għall-kalkolu tat-tariffa massima għall-ispejjeż esterni.

**1. Il-partijiet tan-netwerk tat-toroq ikkonċernat**

L-Istat Membru għandu jispeċifika b'mod preċiż il-parti jew il-partijiet tan-netwerk tat-toroq tiegħu li għandhom ikunu soġġetti għal tariffa għall-ispejjeż esterni.

Fejn Stat Membru jkun beħsiebu jimponi tariffa għall-ispejjeż esterni fuq parti waħda jew fuq xi partijiet biss tan-netwerk tat-toroq mis-sehem tiegħu fin-netwerk trans-Ewropew u l-awtostradi tiegħu, il-parti jew il-partijiet għandhom jintgħażlu wara valutazzjoni li tistabbilixxi li:

– l-użu tat-toroq mill-vetturi fejn tapplika t-tariffa għall-ispejjeż esterni, jiġġenera ħsara ambjentali ogħla minn dik iġġenerata fil-medja vvalutata f'konformità mar-rappurtar dwar il-kwalità tal-arja, l-inventarji tal-emissjonijiet nazzjonali, il-volumi tat-traffiku u, għall-istorbju, f'konformità mad-Direttiva 2002/49/KE, **jew sors ta' data ekwivalenti ieħor,** jew

– l-impożizzjoni ta' tariffa għall-ispiża esterna fuq partijiet oħrajn tan-netwerk tat-toroq ta' dan it-tip jista' jkollha effetti negattivi fuq l-ambjent jew is-sikurezza fit-toroq, jew l-imposta u l-ġbir ta' tariffa għall-ispiża esterna fuqhom tkun tinvolvi spiża sproporzjonata.

2. **Il-vetturi, it-toroq u l-perijodu ta' żmien koperti**

Fejn Stat Membru jkun biħsiebu japplika tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni mill-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness IIIb **jew l-Anness IIIc**, huwa għandu jgħarraf lill-Kummissjoni dwar il-klassifika tal-vetturi li skontha jvarjaw it-tariffi għall-ispejjeż esterni. **Fejn applikabbli**, għandu [...] jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-lok ta' toroq soġġetti għal tariffi ogħla għall-ispiża esterna (minn issa 'l quddiem imsejħa "toroq suburbani (inkluż l-awtostradi)"), u ta' toroq soġġetti għal tariffi aktar baxxi għall-ispiża esterna (minn issa 'l quddiem imsejħa "toroq interurbani (inkluż l-awtostradi)").

Fejn applikabbli, huwa għandu jinnotifika wkoll lill-Kummissjoni dwar il-perijodi ta' żmien eżatti li jikkorrispondu għall-perijodu ta' billejl li matulu tista' tiġi imposta tariffa esterna ogħla għall-istorbju biex tirrifletti fastidji akbar ta' storbju.

Il-klassifika tat-toroq bħala toroq suburbani (inklużi l-awtostradi) u toroq interurbani (inklużi l-awtostradi), u d-definizzjoni tal-perjodi ta' żmien għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi relatati mal-livell ta' esponiment tat-toroq u l-viċinati tagħhom għat-tniġġis bħad-densità tal-popolazzjoni, il-medja annwali tat-tniġġis tal-arja (b'mod partikolari għal $PM_{10}$ u $NO_2$) u l-għadd ta' jiem (għal $PM_{10}$) u sigħat (għal $NO_2$) li fih l-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva 2008/50/KE jinqabżu. Il-kriterji użati għandhom jiġu inklużi fin-notifika.

3. **Ammont tat-tariffa**

Din it-taqsima għandha tapplika fejn Stat Membru jkun biħsiebu japplika tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni mill-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness IIIb **jew l-Anness IIIc**.

Għal kull klassi ta' vettura, tip ta' triq u perijodu ta' żmien, **kif applikabbli,** l-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti għandhom jiddeterminaw ammont wieħed speċifiku. L-istruttura tat-tariffi li tirriżulta għandha tkun trasparenti, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha fuq termini ugwali. Jenħtieġ li l-pubblikazzjoni ssir f'waqtha u qabel l-implimentazzjoni. Għandhom jiġu ppubblikati l-parametri kollha, id-data u informazzjoni oħra meħtieġa biex jinftiehem kif jiġu kkalkolati l-elementi varji tal-ispiża esterna.

Fl-istabbiliment tat-tariffi, l-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipju tal-ipprezzar effiċjenti jiġifieri prezz li jkun qrib l-ispiża marġinali soċjali tal-użu tal-vettura li fuqha tiġi imposta t-tariffa.

It-tariffa għandha tkun stabbilita wara li jkun ġie kkunsidrat ir-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku flimkien ma' kwalunkwe effett negattiv fuq is-sikurezza fit-toroq, l-ambjent u l-konġestjoni, u kwalunkwe soluzzjoni biex jittaffew dawn ir-riskji.

L-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jimmonitorjaw l-effikaċja tal-iskema li timponi t-tariffi fit-tnaqqis tal-ħsara ambjentali li tirriżulta mit-trasport bit-triq. Fejn xieraq, kull sentejn huwa għandu jaġġusta l-istruttura li timponi t-tariffi u l-ammont speċifiku tat-tariffa stabbilita għal klassi partikolari ta' vettura, tip ta' triq u perijodu ta' żmien skont il-bidliet fil-provvista u fid-domanda tat-trasport.

## 4. Elementi tal-ispiża esterna

### 4.1. Spiża għat-tniġġis tal-arja minħabba t-traffiku

Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li japplika tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni meta mqabbel mal-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness IIIb, dak l-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jikkalkulaw l-ispiża li għandha tiġi imposta għat-tniġġis tal-arja minħabba t-traffiku billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

$$PCV_{ij} = \sum_k EF_{ik} \times PC_{jk}$$

fejn:

— $PCV_{ij}$ = l-ispiża tat-tniġġis tal-arja ta' vettura tal-klassi i fuq tip ta' triq j (euro/kilometru ta' vettura)

— $EF_{ik}$ = il-fattur ta' emissjoni tas-sustanza niġġiesa k u l-klassi ta' vettura i (gramma/kilometru ta' vettura)

— $PC_{jk}$ = l-ispiża monetarja tas-sustanza niġġiesa k għal tip ta' triq j (euro/gramma)

Il-fatturi tal-emissjoni għandhom ikunu l-istess bħal dawk użati mill-Istat Membru biex jistabbilixxi l-inventarji nazzjonali dwar l-emissjonijiet previsti fid-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi[11] (li jeħtieġu l-użu tal-EMEP/EEA air pollutant Emission Inventory Guidebook[12]). L-ispiża monetarja tas-sustanzi niġġiesa għandu jiġi stmat mill-Istat Membru jew, jekk xieraq, mill-awtorità indipendenti msemmija fl-Artikolu 7c(4), permezz ta' metodi pprovati xjentifikament.

L-Istat Membru jew, jekk xieraq, awtorità indipendenti, jistgħu japplikaw metodi alternattivi ppruvati xjentifikament biex jiġi kkalkolat il-valur tal-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja bl-użu ta' data mill-kejl tas-sustanzi li jniġġsu l-arja u l-valur lokali tal-ispiża monetarja tas-sustanzi li jniġġsu l-arja.

4.2. Spiża għat-tniġġis mill-istorbju minħabba t-traffiku

Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li japplika tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni meta mqabbel mal-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness IIIb, l-Istat Membru jew, jekk xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jikkalkulaw l-ispiża li għandha tiġi imposta għat-tniġġis mill-istorbju minħabba t-traffiku billi jiġu applikati l-formuli li ġejjin:

$$NCV_j\ (daily) = e \times \Sigma_k\ NC_{jk} \times POP_k / WADT$$

$$NCV_j\ (day) = a \times NCV_j$$

$$NCV_j\ (night) = b \times NCV_j$$

11 Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1)

12 Metodoloġija tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent: http://www.eea.europa.eu//publications/emep-eea-guidebook-2016

fejn:

| | | | |
|---|---|---|---|
| — | $NCV_j$ = | | l-ispiża għall-istorbju ta' vetturi tqal tal-merkanzija fuq tip ta' triq j (euro/kilometru tal-vettura) |
| — | $NC_{jk}$ = | | l-ispiża għall-istorbju għal kull persuna esposta fuq tip ta' triq j sa livell ta' storbju k (euro/persuna) |
| — | $POP_k$ = | | il-popolazzjoni esposta għal livell ta' storbju k kuljum għal kull kilometru (persuna/kilometru) |
| — | WADT = | | il-medja ponderata tat-traffiku ta' kuljum (ekwivalenti għal karozzi tal-passiġġieri) |
| — | a u b | | huma fatturi ponderati ddeterminati mill-Istat Membru b'tali mod li t-tariffa medja ponderata li tirriżulta għall-istorbju għal kull kilometru ta' vettura tikkorrispondi għal $NCV_j$ (kuljum). |

It-tniġġis mill-istorbju minħabba t-traffiku hu relatat mal-impatt tal-istorbju fuq is-saħħa taċ-ċittadini tal-madwar tat-triq.

Il-popolazzjoni esposta għal-livell tal-istorbju k għandha tittieħed mill-mapep strateġiċi tal-istorbju abbozzati skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13]**, jew sors ta' data ekwivalenti ieħor.**

L-ispiża għal kull persuna esposta għal-livell ta' storbju k għandha tiġi stmata mill-Istat Membru jew, jekk xieraq minn awtorità indipendenti, bl-użu ta' metodi pprovati xjentifikament.

**13** Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12).

Il-medja ponderata tat-traffiku ta' kuljum għandha tassumi fattur ta' ekwivalenza "e" bejn vetturi tqal tal-merkanzija u karozzi tal-passiġġieri fuq il-bażi tal-livelli ta' emissjonijiet ta' storbju tal-karozza medja u tal-vetturi tqal medji tal-merkanzija, filwaqt li jitqies ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE.

L-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità independenti, jistgħu jistabbilixxu tariffi differenzjati tal-istorbju biex jiġi ppremjat l-użu ta' vetturi aktar silenzjużi, jekk dan ma jirriżultax f'diskriminazzjoni kontra vetturi barranin.

**4.3. Spiża għal emissjonijiet ta' $CO_2$ minħabba t-traffiku**

**Fejn Stat Membru jkollu l-intenzjoni li japplika tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ ogħla mill-valuri ta' referenza stabbiliti fl-Anness IIIc, dak l-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, għandu jikkalkula l-ispiża li tista' tiġi imposta abbażi ta' evidenza xjentifika bl-użu tal-approċċ tal-ispejjeż tal-evitar, filwaqt li jqis u jispjega, b'mod partikolari, l-aspetti li ġejjin:**

- **l-għażla tal-livell ta' emissjonijiet fil-mira;**
- **stima tal-għażliet għall-mitigazzjoni;**
- **stima tax-xenarju ta' referenza;**
- **averżjoni għar-riskju u għat-telf;**
- **ippeżar tal-ekwità.**

**Tal-anqas sitt xhur qabel l-implimentazzjoni ta' tali tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjoni ta' $CO_2$, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni.**";

(d) L-Anness IIIb huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ANNESS IIIb**

**VALURI TA' REFERENZA TAT-TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ ESTERNI**

Dan l-Anness jistipula l-valuri ta' referenza tat-tariffi għall-ispejjeż esterni, inklużi l-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju.

Tabella 1: valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-vetturi tqal tal-merkanzija

| ***Klassi tal-vettura*** | ***ċenteżmu/kilometru ta' vettura*** | **Suburbani[1]** | **Interurbani[2]** |
|---|---|---|---|
| *Vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom piż mgħobbi gross massimu permissibbli ta' inqas minn [...]* ***12****-il tunnellata jew li għandhom żewġ fusien* | *EURO 0* | [...] **18,6** | [...] **9,9** |
| | *EURO I* | [...] **12,6** | [...] **6,4** |
| | *EURO II* | [...] **12,5** | [...] **6,3** |
| | *EURO III* | [...] **9,6** | [...] **4,8** |
| | *EURO IV* | [...] **7,3** | [...] **3,4** |
| | *EURO V* | [...] **4,4** | [...] **1,8** |
| | *EURO VI* | [...] **2,3** | [...] **0,5** |
| | *Iniġġsu inqas minn EURO VI,* ***inkluż vetturi b'emissjonijiet żero*** | [...] **2,0** | 0,3 |
| *Vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom piż mgħobbi gross massimu permissibbli ta' bejn [...] it-****12*** *u t-* | *EURO 0* | [...] **24,6** | [...] **13,7** |
| | *EURO I* | [...] **15,8** | [...] **8,4** |
| | *EURO II* | [...] **15,8** | [...] **8,4** |
| | *EURO III* | [...] **12,5** | [...] **6,6** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *[...] **18**-il tunnellata*<br>*jew li għandhom tliet fusien* | *EURO IV* | [...] **9,2** | [...] **4,5** |
| | *EURO V* | [...] **5,6** | [...] **2,7** |
| | *EURO VI* | [...] **2,8** | [...] **0,7** |
| | *Iniġġsu inqas minn EURO VI, **inkluż vetturi b'emissjonijiet żero*** | [...] **2,3** | 0,3 |
| *Vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom piż mgħobbi gross massimu permissibbli ta'*<br>*bejn[...] it-**18** u [...] t-**32** tunnellata*<br>*jew li għandhom erba' fusien* | *EURO 0* | [...] **27,8** | [...] **15,8** |
| | *EURO I* | [...] **20,4** | [...] **11,3** |
| | *EURO II* | [...] **20,4** | [...] **11,2** |
| | *EURO III* | [...] **16,3** | [...] **8,9** |
| | *EURO IV* | [...] **11,8** | [...] **6,0** |
| | *EURO V* | [...] **6,6** | [...] **3,4** |
| | *EURO VI* | [...] **3,1** | 0,8 |
| | *Iniġġsu inqas minn EURO VI, **inkluż vetturi b'emissjonijiet żero*** | 2,5 | 0,3 |
| *Vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom piż mgħobbi gross massimu permissibbli ta'*<br>*aktar minn [...] **32** tunnellata*<br>*jew li għandhom 5* | *EURO 0* | [...] **33,5** | [...] **19,4** |
| | *EURO I* | [...] **25,0** | [...] **14,1** |
| | *EURO II* | [...] **24,9** | [...] **13,9** |
| | *EURO III* | [...] **20,1** | [...] **11,1** |
| | *EURO IV* | [...] **14,2** | [...] **7,5** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *fusien jew aktar* | *EURO V* | [...] **7,6** | [...] **3,8** |
| | *EURO VI* | [...] **3,4** | [...] **0,8** |
| | *Iniġġsu inqas minn EURO VI,* ***inkluż vetturi b'emissjonijiet żero*** | [...] **2,8** | 0,3 |

(1) "Suburbani" tfisser żoni b'densità tal-popolazzjoni ta' bejn 150 u 900 abitant/km$^2$ (densità medjana tal-popolazzjoni ta' 300 abitant/km$^2$).

(2) "Interurbani" tfisser żoni b' densità tal-popolazzjoni inqas minn 150 abitant/km$^2$.

[***It-tabella tħassret***]

Il-valuri tat-Tabella[...] 1 [...] jistgħu jiġu mmultiplikati b'fattur ta' 2 jew inqas f'żoni muntanjużi u madwar l-agglomerazzjonijiet sa fejn dan ikun ġustifikat minn dispersjoni aktar baxxa, l-inklinazzjoni tat-toroq, l-altitudni jew l-inverżjonijiet tat-temperatura.";

(da) **L-Anness IIIc ġdid jiddaħħal kif ġej:**

**'ANNESS IIIc**

**VALURI TA' REFERENZA TAT-TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ ESTERNI GĦALL-EMISSJONIJIET TA' $CO_2$**

Dan l-Anness jistipula l-valuri ta' referenza tat-tariffi għall-ispejjeż esterni filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' $CO_2$.

*Tabella 1: valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-vetturi tqal tal-merkanzija*

| **Klassi tal-vettura** | **ċenteżmu/kilometru ta' vettura** | **Toroq interurbani (inkluż l-awtostradi)** |
|---|---|---|
| Vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom piż mgħobbi gross massimu permissibbli ta' inqas minn 12-il tunnellata jew li għandhom żewġ fusien | EURO 0 | 4,5 |
| | EURO I | 4,0 |
| | EURO II | 4,0 |
| | EURO III | 4,0 |
| | EURO IV | 4,0 |
| | EURO V | 4,0 |
| | EURO VI | 4,0 |
| | Vetturi b'emissjonijiet baxxi | 2,0 |
| | Vetturi b'emissjonijiet żero | 0 |
| Vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom piż mgħobbi gross massimu permissibbli ta' | EURO 0 | 6,0 |
| | EURO I | 5,2 |
| | EURO II | 5,2 |

| | | |
|---|---|---|
| bejn it-12 u t-18-il tunnellata<br>jew li għandhom tliet fusien | EURO III | 5,2 |
| | EURO IV | 5,0 |
| | EURO V | 5,0 |
| | EURO VI | 5,0 |
| | Vetturi b'emissjonijiet baxxi | 2,5 |
| | Vetturi b'emissjonijiet żero | 0 |

| **Klassi tal-vettura** | **ċenteżmu/kilometru ta' vettura** | **Toroq interurbani (inkluż l-awtostradi)** |
|---|---|---|
| Vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom piż mgħobbi gross massimu permissibbli ta'<br>bejn it-18 u t-32 tunnellata<br>jew li għandhom erba' fusien | EURO 0 | 7,9 |
| | EURO I | 6,9 |
| | EURO II | 6,9 |
| | EURO III | 6,9 |
| | EURO IV | 6,7 |
| | EURO V | 6,7 |
| | EURO VI | 6,7 |
| | Vetturi b'emissjonijiet baxxi | 3,4 |
| | Vetturi b'emissjonijiet żero | 0 |
| Vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom piż mgħobbi gross massimu permissibbli ta' | EURO 0 | 9,1 |
| | EURO I | 8,1 |
| | EURO II | 8,1 |

| | | |
|---|---|---|
| aktar minn 32 tunnellata<br><br>jew li għandhom 5 fusien jew aktar | EURO III | 8,1 |
| | EURO IV | 8,0 |
| | EURO V | 8,0 |
| | EURO VI | 8,0 |
| | Vetturi b'emissjonijiet baxxi | 4,0 |
| | Vetturi b'emissjonijiet żero | 0 |

(e) fl-Anness IV, it-tabella bl-intestatura "Vetturi kkombinati (vetturi artikolati u ferroviji tat-triq)" hija sostitwita b'dan li ġej:

"VETTURI KKOMBINATI (VETTURI ARTIKOLATI U FERROVIJI TAT-TRIQ)

| Fusien motorizzati b'sospensjoni tal-arja jew rikonoxxuti bħala ekwivalenti | Sistemi oħra ta' sospensjoni fuq il-fusien motorizzati | Klassi ta' ħsara |
|---|---|---|
| Għadd ta' fusien u l-piż mgħobbi gross massimu permissibbli (f'tunnellati) | Għadd ta' fusien u l-piż mgħobbi gross massimu permissibbli (f'tunnellati) | |

| Mhux inqas minn | Inqas minn | Mhux inqas minn | Inqas minn | |
|---|---|---|---|---|
| *2 + 1 fusien* | | | | |
| 7,5<br>12<br>14<br>16<br>18<br>20<br>22<br>23<br>25 | 12<br>14<br>16<br>18<br>20<br>22<br>23<br>25<br>28 | 7,5<br>12<br>14<br>16<br>18<br>20<br>22<br>23<br>25 | 12<br>14<br>16<br>18<br>20<br>22<br>23<br>25<br>28 | I |
| *2 + 2 fusien* | | | | |
| 23<br>25<br>26<br>28 | 25<br>26<br>28<br>29 | 23<br>25<br>26<br>28 | 25<br>26<br>28<br>29 | |
| 29 | 31 | 29 | 31 | II |
| 31 | 33 | 31 | 33 | |
| 33<br>36 | 36<br>38 | 33 | 36 | III |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *2 + 3 fusien* | | | | II |
| 36<br>38 | 38<br>40 | 36 | 38 | |
| | | 38 | 40 | III |
| ***2 + 4 fusien*** | | | | **II** |
| **36**<br>**38** | **38**<br>**40** | **36** | **38** | |
| | | **38** | **40** | **III** |
| ***3 + 1 fusien*** | | | | **II** |
| **30**<br>**32** | **30**<br>**35** | **30** | **32** | |
| | | **32** | **35** | **III** |
| *3 + 2 fusien* | | | | II |
| 36<br>38 | 38<br>40 | 36 | 38 | |
| | | 38<br>40 | 40<br>44 | III |
| 40 | 44 | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *3 + 3 fusien* | | | | |
| 36<br>38 | 38<br>40 | 36 | 38 | I |
| | | 38 | 40 | II |
| 40 | 44 | 40 | 44 | |
| *7 fusien* | | | | |
| 40 | 50 | 40 | 50 | II |
| 50<br>60 | 60 | 50<br>60 | 60 | III |
| ***Mill-inqas*** *8 [...]* | | | | |
| 40 | 50 | 40 | 50 | I |
| 50 | 60 | 50 | 60 | II |
| 60 | | 60 | | III"; |

(2) jiddaħħlu l-Annessi V, VI u VII li ġejjin:

*"ANNESS V*

## REKWIŻITI MINIMI GĦALL-IMPOŻIZZJONI TA' TARIFFA TAL-KONĠESTJONI

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-impożizzjoni ta' tariffa tal-konġestjoni.

1. **Il-partijiet tan-netwerk soġġetti għat-tariffi tal-konġestjoni, il-vetturi u l-perjodi koperti**

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw preċiżament:

(a) il-parti jew il-partijiet tan-netwerk tagħhom magħmulin mis-sehem tagħhom tan-netwerk trans-Ewropew tat-toroq u l-awtostradi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 7(1), li jkunu soġġetti għal tariffa tal-konġestjoni, f'konformità mal-Artikolu 7da(1) u (3).

(b) il-klassifikazzjoni ta' sezzjonijiet tan-netwerk li huma soġġetti għat-tariffa tal-konġestjoni bħala "metropolitani" u "mhux metropolitani". L-Istati Membri għandhom jużaw il-kriterji stabbiliti fit-Tabella 1 għall-finijiet li tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni ta' kull sezzjoni tat-triq. Tabella 1: Kriterji għall-klassifikazzjoni tat-toroq fuq in-netwerk imsemmija fil-punti (a) bħala "metropolitani" u "mhux metropolitani"

| Kategorija tat-triq | Kriterju tal-klassifikazzjoni |
|---|---|
| "metropolitani" | Sezzjonijiet tan-netwerk għaddejjin minn agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ta' 250 000 abitant jew aktar |
| "mhux metropolitani" | Sezzjonijiet tan-netwerk li mhumiex kwalifikati bħala "metropolitani" |

(c) il-perjodi li matulhom tapplika t-tariffa, għal kull sezzjoni individwali. Meta japplikaw livelli ta' tariffi differenti matul il-perijodu tariffarju, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw b'mod ċar il-bidu u t-tmiem ta' kull perijodu li matulu tiġi applikata tariffa speċifika.

L-Istati Membri għandhom jużaw il-fatturi ta' ekwivalenza pprovduti fit-Tabella 2 għall-fini tal-istabbiliment tal-proporzjon bejn il-livelli tariffarji għal kategoriji ta' vetturi differenti:

Tabella 2: Fatturi ta' ekwivalenza għall-istabbiliment tal-proporzjon bejn il-livelli tat-tariffi tal-konġestjoni għal kategoriji ta' vetturi differenti

| **Kategorija tal-vettura** | **Fattur ta' ekwivalenza** |
|---|---|
| Vetturi ħfief | 1 |
| Vetturi tqal riġidi tal-merkanzija | 1.9 |
| Kowċis u xarabankijiet | 2.5 |
| Vetturi tqal tal-merkanzija artikolati | 2.9 |

2. **Ammont tat-tariffa**

Għal kull kategorija ta' vettura, sezzjoni tat-triq u perijodu ta' ħin, l-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti għandhom jiddeterminaw ammont wieħed speċifiku, stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 1 ta' dan l-Anness, filwaqt li jitqies il-valur [...] **ta' referenza** korrispondenti stabbilit fit-tabella fl-Anness VI. L-istruttura tat-tariffi li tirriżulta għandha tkun trasparenti, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha fuq termini ugwali.

L-Istat Membru għandu jippubblika dawn kollha li ġejjin, fil-ħin, qabel l-implimentazzjoni ta' tariffa tal-konġestjoni:

(a) il-parametri kollha, id-data u informazzjoni oħra meħtieġa biex jinftiehem kif jiġu stabbiliti l-klassifikazzjoni tat-toroq u tal-vetturi u l-perjodi ta' applikazzjoni tat-tariffi;

(b) id-deskrizzjoni sħiħa tat-tariffi tal-konġestjoni li japplikaw għal kull kategorija ta' vetturi fuq kull sezzjoni tat-triq u għal kull perijodu ta' żmien.

L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li għandha tiġi ppubblikata skont il-punti (a) u (b).

It-tariffa għandha tkun stabbilita biss wara li jkun ġie kkunsidrat ir-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku flimkien ma' kwalunkwe effett negattiv fuq is-sikurezza fit-toroq, l-ambjent u l-konġestjoni, u kwalunkwe soluzzjoni biex jittaffew dawn ir-riskji.

**Meta Stat Membru jkun biħsiebu japplika tariffi tal-konġestjoni ogħla mill-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness VI, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar**

(i) **il-lok tat-toroq soġġetti għat-tariffi tal-konġestjoni;**

(ii) **il-klassifikazzjoni ta' toroq bħala "metropolitani" u "mhux metropolitani", kif speċifikat fil-punt (b) tat-taqsima 1;**

(iii) **il-perjodi li matulhom tapplika t-tariffa, kif speċifikat skont fil-punt (c) tat-taqsima 1;**

(iv) **kwalunkwe eżenzjoni parzjali jew sħiħa applikata għal minibuses, xarabankijiet u kowċis.**

3. **Monitoraġġ**

L-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jimmonitorjaw l-effikaċja tal-iskema li timponi t-tariffi fit-tnaqqis tal-konġestjoni. Fejn xieraq, kull **tliet snin**, għandhom jaġġustaw l-istruttura tariffarja, il-perijodu/i tariffarju/i u l-ammont speċifiku tat-tariffa stabbilita għal kull kategorija partikolari ta' vetturi, tip ta' triq u perijodu ta' żmien skont il-bidliet fil-provvista u fid-domanda tat-trasport.

*ANNESS VI*

**[...] VALURI TA' REFERENZA TAT-TARIFFA TAL-KONĠESTJONI**

Dan l-Anness jistabbilixxi [...] **l-valuri ta' referenza** tat-tariffa tal-konġestjoni.

Il-[...]**valuri ta' referenza** previsti fit-tabella hawn taħt għandhom jiġu applikati għal vetturi ħfief. It-tariffi għal kategoriji oħra ta' vetturi għandhom jiġu stabbiliti permezz tal-multiplikazzjoni tat-tariffa applikata għal vetturi ħfief bil-fatturi ta' ekwivalenza pprovduti fit-tabella fl-Anness V.

Tabella: [...] **Il-valuri ta' referenza** tat-tariffa tal-konġestjoni għal vetturi ħfief

| **ċenteżmu/kilometru ta' vettura** | **Metropolitani** | **Mhux metropolitani** |
|---|---|---|
| Awtostradi | [...] **25,9** | [...] **23,7** |
| Toroq ewlenin | [...] **61,0** | [...] **41,5** |

*ANNESS VII*

**RENDIMENT FIR-RIGWARD TAL-EMISSJONIJIET**

**Dan l-Anness jispeċifika r-rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet għal sustanzi niġġiesa li skonthom għandhom jiġu differenzjati l-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utent f'konformità mal-Artikolu 7ga(1)(b).**

***Tabella: kriterji tar-rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet għal sustanzi niġġiesa għal vetturi ħfief***

| **Ħlas għall-użu tat-triq u ħlas fuq l-utent** | **10 % inqas mill-ogħla rata** | **20 % inqas mill-ogħla rata** | **30 % inqas mill-ogħla rata** | **75 % inqas mill-ogħla rata** |
|---|---|---|---|---|
| **Rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet** | **Euro-6d-temp-x[#]** | **Euro-6d-x[#]** | **Valuri massimi ddikjarati tal-RDE għall-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa [##]<br>< 80 % tal-limiti tal-emissjonijiet applikabbli** | **Vetturi b'żero emissjonijiet** |

**#** **fejn x tista' tkun vojta jew tkun waħda minn dawn li ġejjin (EVAP, EVAP-ISC, ISC jew ISC-FCM)**

**##** **kemm għal NOx kif ukoll għal PN kif irrappurtat fil-punt 48.2 taċ-Ċertifikat tal-Konformità, fl-Anness IX tad-Direttiva 2007/46/KE**